

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-20 ta' Frar 2018 – Ir-Renju tal-Belġju vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-16/16 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Protezzjoni tal-konsumaturi — Servizzi ta' loġhob tal-azzard onlajn — Protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ġugaturi u prevenzjoni tal-loġhob tal-azzard fost il-minorenni — Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/478/UE — Att tal-Unjoni mhux legalment vinkolanti — Artikolu 263 TFUE)*

(2018/C 134/03)

Lingwa tal-proċedura: l-Olandiż

**Partijiet**

*Appellant:* Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: L. Van den Broeck, M. Jacobs u J. Van Holm, aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck, B. Van Vooren, R. Verbeke u J. Auwerx, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Wilman u H. Tserepa-Lacombe, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 145, 25.04.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Frar 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Cataluña – Spanja) – Jessica Porras Guisado vs Bankia SA et**

(Kawża C-103/16) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Direttiva 92/85/KEE — Miżuri intiżi biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed iredgħu — Artikolu 2(a) — Il-punti 1 sa 3 tal-Artikolu 10 — Projbizzjoni ta' tkeċċija ta' ħaddiema matul il-perijodu mill-bidu tat-tqala tagħha sat-tmiem tal-leave tal-maternità tagħha — Kamp ta' applikazzjoni — Każijiet eċċezzjonali li ma humiex konnessi mal-kundizzjoni tal-ħaddiema kkonċernata — Direttiva 98/59/KE — Tkeċċijiet kollettivi — Artikolu 1(1)(a) — Raġunijiet mhux relatati mal-ħaddiema individwali — Ħaddiema tqila li tkeċċiet fil-kuntast ta' tkeċċija kollettiva — Raġunijiet għat-tkeċċija — Prijorità tal-ħaddiema għaż-żamma tal-pożizzjoni — Prijorità għal klassifikazzjoni mill-ġdid)*

(2018/C 134/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Cataluña